**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Ġunju, 2024

Rikors Ġuramentat: 33/23 AL

**A B**

**vs.**

**Dr. Martin Fenech u l-P.L. Katrina Zammit Cuomo appuntati bħala kuraturi deputati b'digriet tad-19 ta' April 2023 sabiex jirrappreżentaw lill-assenti C D**
**.**

## Il-Qorti

Rat ir-rikors maħluf[1] ippreżentat mill-attur fl-20 ta' Frar 2023 li permezz tiegħu ppremetta illi:

---
[1] Fol. 1.

*1. Premess illi l-kontendenti żżewġu fit-12 ta' April tas-sena 2000 fir-Registru taż-Żwiġijiet, Triq il-Merkanti l-Belt Valletta kif jindika ċ-ċertifikat taż-żwieġ anness innumerat MR350/2000 bħala Dok A, liema żwieġ qatt ma seta' jseħħ peress li l-intimata telqet bil-heffa mill-bini tar-Registru mingħajr pre-avviż hekk kif spiċċat iċ-ċerimonja, li sparixxiet minn ħajtu u qatt ma reġgħet ikkuntatjat lill-attur bl-ebda mod wara dak il-mument, għal dawn is-snin kollha passati.*

*2. Illi l-konvenuta tinsab assenti minn Malta u ilha assenti għal numru ta' snin skont ma rriżulta minn kuntatti li l-attur għamel kemm ma' terzi li forsi jafuha kif ukoll mal-awtorijiet Maltin sabiex il-persuna tinstab. Jirriżulta mill-kuntatti passati li kellu mal-pulizija tal-Immigrazzjoni dak iż-żmien li lanqas fuq is-Central Database (CDB) ma kien hemm indirizz jew informazzjoni li setgħet tgħin fit-tfittxija hlief għan-numru tal-passaport Marokkin.*

*3. Illi meta l-attur iltaqa' mal-konvenuta, kien ilu tnax-il sena armel ta' D B mwielda E, li mietet fit-18 ta' Novembru 1988 skont Dok B, u li l-attur kien qed irabbi waħdu tliet ulied minorenni mill-ewwel żwieġ tiegħu. Il-konvenuta kienet taf b'dan iżda għażlet li tisparixxi kemm minn ħajjet l-attur kif ukoll minn Malta mingħajr ma ngħata ċ-ċans li tinbeda l-ħajja miżżewġa.*

*4. Illi s-saħħa tal-attur preżentament hi vulnerabbli peress li jbati minn kundizzjoni severa ħafna ta' ostruzzjoni pulmonarja kronika skond ċertifikat iffirmat mit-tabib Dr David Sammut anness bħala Dok Ċ, tant li jrid juża cilindru tal-ossignu mobbli mhux id-dar biss iżda jekk joħroġ ukoll, u mpossibbli jimxi u jistrapazza, tant li diffiċli mmens li jkun preżenti l-Qorti waqt il-proċedimenti. Qed ikunu annessi wkoll veri kopji ta' dokumenti ta' invalidità maħruġa mill-Kummissarjat għall-Persuni b'Diżabilità (CRPD), bħala Dok D. L-attur għandu 70 sena magħluqa.*

*5. Premess li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat minħabba li l-permanenza taż-żwieġ u l-consortium totius vitae ma kienx intenzjonat minnha, minkejja li esternament uriet li qed tagħti l-kunsens matrimonjali. Illi tali intenzjoni ġiet manifestata implicitament malli ħarbet minn fuq il-post quddiem għajnejn kemm l-attur kif ukoll ix-xhieda, u lanqas ċans*

*jieħdu ritratt flimkien ma kien hemm. Il-konvenuta kienet konsapevoli ta' dak li dieħla għalih, u cioè trobbija ta' tliet itfal minuri u li żewġha kien armel, li soffra ħafna minħabba li martu għamlet suwiċidju u kienet tqila bir-raba' wild. Illi dak iż-żmien, fl-2000, it-telefonija mobbli kienet għadha fil-bidu nett u minkejja li kellha dan is-servizz, kien impossibbli li tiġi ntraċċata l-konvenuta minkejja l-isforzi kollha tal-attur, għaliex ma kinitx qed twieġeb la l-mobile u lanqas il-linja fissa tat-telefon. Bl-għajbien tagħha, għalkemm formalment seħħet iċ-ċelebrazzjoni, il-finis operis taż-żwieġ giet effettivament eskluża mill-vera rieda tagħha b'mod ċar u manifest, tant li rriżulta fl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu u simulazzjoni totali min-naħa tagħha ai termini tal-art 19(1)(f) ta' Kap 255.*

*6. Premess illi miż-żwieġ ma kienx hemm wild għaliex l-istess żwieġ qatt ma kien ikkonsmat, u dan ai termini ta' art. 19A ta' Kap 255.*

*7. Illi l-intimata għadha assenti minn dawn il-Gżejjer u l-indirizz tagħha mhux magħruf. Li l-esponent m'għandux mod ta' kif jottjeni la informazzjoni dwarha, ta' fejn tista' tinstab u lanqas l-indirizz u mezzi oħra ta' kuntatt, għaliex anki x-xhud tagħha qata' l-kuntatt miegħu ftit wara. L-unika data personali li għandu dwarha huma tnejn: id-data tat-twelid tagħha, u cioè 5 ta' Mejju 1973, u n-numru tal-passaport Marokkin li kellha kważi 23 sena ilu, li bla dubju skadiet l-validità. Peress li n-numru tal-passaport m'għadux mezz idoneju li permezz tiegħu wieħed jista' jfittex lill-attriċi fid-databases soliti wżati għal dan il-għan, u li minħabba l-liġi dwar il-protezzjonit tad-data personali li daħlet fis-seħħ ftit wara, fl-2004, baqa' qatt ma seta' jkollu informazzjoni aktar dwarha, aktar u aktar peress li għandha nazzjonalità Marokkina u hija meqjusa 'third country national' peress li fl-istess sena Malta saret membru tal-Unjoni Ewropea.*

*8. Illi l-attur qata' qalbu kompletament milli jkompli jfittixha wara li għaddew xi xhur u refa' dan il-piż tqil għal dan iż-żmien kollu. Għex f'sens enormi ta' mistħija, ansjetà u dieqa talli ġie wżat b'mod mill-aktar degradanti propju meta kien verament vulnerabbli emozzjonalment u mentalment, tant li llum il-ġurnata qegħda taffetwalu saħħtu b'mod akut.*

*9. Illi minħabba fin-nuqqas ta' għarfien tal-liġi u tad-drittijiet tiegħu żammewh lura milli fittex l-għajnuna qabel. Fil-fatt ma setgħax jieħu passi legali qabel anki minħabba biża' ta' riperkussjonijiet minħabba t-timbru ta' żwiġijiet ta' konvenjenza marbuta ma' żwiġijiet ma' persuni ta' reliġjon Musulmana u min-naħa tal-Afrika ta' Fuq, li ma kienx il-każ tal-attur, li għex u ħadem f'dawk il-pajjiżi u allura kienet in-norma għalih li jkun viċin ta' persuni bħal C. Tant hu hekk li ż-żwieġ ta' konvenjenza sar reat f'Kap 255 sentejn wara, fl-2002, u li l-attur ma kellux min jiggwidah b'mod korrett legalment allura baqa' lura milli jieħu l-pass tal-lum permezz ta' dan ir-rikors.*

*10. Illi bħala riżultat ta' dan iż-żwieġ fallut mill-bidu nett huwa bata wkoll finanzjarjament għaliex anki tilef ċerti benefiċċji soċjali bħall-pensjoni tar-romol li biha seta' jgħajjex lit-tliet itfal. Peress li kellu ntrojtu li kien jagħmel minn xogħol ta' self-employed, ma kienx eligibbli għaċ-children's allowance jew benefiċċji ta' ġenitur wieħed minħabba li teżisti l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti. Fil-preżent lanqas jista' jibbenefika mis-sussidju tal-kera mgħoti mill-Awtorità tad-Djar proprju għaliex għadu miżżewweġ lill-attrici assenti u għandu bżonn il-kunsens tagħha.*

*11. Illi l-esponent għaldaqstant għandu interess li l-kawża tiġi trattata u deċiża. Illi issa għandu 70 sena u jixtieq jirrisolvi dan l-episodju ta' mrar li ilu jġorr miegħu għal dawn l-aħħar 23 sena. Illi għexu ħajja kompletament separata u distinta minn xulxin tant li issa l-esponent jixtieq jipprevalixxi ruħu mid-drittijiet lilu mogħtija skont Kap 255. Illi kuntrarjament għat-talba tad-divorzju, it-talba tal-annullament taż-żwieġ tista' troddlu soljiev ikbar, għaliex ladarba jkollu l-istatus quo ante jkun jista' jirkupra xi ftit mid-drittijiet mitlufa.*

*Jgħid għalhekk il-konvenut għar-raġunijiet premessi għaliex m'għandhiex dina l-Onor. Qorti:*

*i. Tiddikjara u tiddeċiedi li ż-żwieġ kuntrattat bejn il-kontendenti fit-12 ta' April 2000 huwa null u bla effett fil-liġi ai termini ta' art 19(1)(f) u 19A ta' Kap. 255.*

ii. *Tordna li dina n-nullità tiġi komunikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u tkun reġistrata fuq l-att taż-żwieġ numru MR350/2000 fuq indikat.*

*Illi kontestwalment ma dana ir-rikors l-esponent qiegħed jippreżenta nota separata bl-affidavits tiegħu u ta' F G sive F H, li tiġi ohtu, li tikkonferma li qatt ma kien koabitazzjoni f'dak iż-żwieġ, kif ukoll rikors għal kuraturi fl-assenza tal-konvenuta mill-pajjiż.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta minn issa għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat l-att taż-żwieġ tal-partijiet[2] li jġib in-numru progressiv 342 tas-sena 2000;

Rat illi b'digriet tad-19 ta' April 2023[3] il-Qorti ħatret lill-Avukat Dr Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo bħala kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-konvenuta assenti u r-risposta tal-istess Kuraturi,[4] fejn ġie eċċepit is-segwenti:

1. *Illi l-esponenti mhux rdott mill-fatti u jirrizerva li jissotometti risposta ulterjuri meta jkun jaf il-fatti*

2. *L-esponenti jistieden lir-rikorrenti jekk ghandu x indirizz jew mezz ta' komunika lir-rikorrenti*

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2023[5] il-Qorti nnutat illi għalkemm is-seduta ta' dakinhar kienet imħollija għall-provi tal-Kuraturi Deputati dawn baqgħu ma dehrux u għalhekk iddifferiet il-kawża għas-sentenza;

Rat il-verbali kollha u x-xhieda imressqa mill-attur permezz ta' affidavits[6] quddiem din il-Qorti;

---

[2] Fol. 5.
[3] Fol. 18.
[4] Risposta tal-5 ta' Ġunju 2023 a. fol. 37.
[5] Fol. 39.
[6] Fol. 9.

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.[7]

## KONSIDERAZZJONIJIET

### 1. L-azzjoni odjerna

L-attur permezz ta' din il-kawża qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara ż-żwieġ ikkuntrattat bejnu u l-konvenuta assenti ċċelebrat ġewwa r-Reġistru Pubbliku, il-Belt Valletta fit-12 ta' April 2000 null u bla effett fil-liġi u dan a bażi ta' Artikolu 19(1)(f) u 19A ta' Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta peress li huwa jgħid li eżattament wara ċ-ċerimonja taż-żwieġ il-konvenuta telqet mir-Reġistru Pubbliku ġewwa l-Belt Valletta u ma rahiex aktar avolja pprova jfittixha u jagħmel komunikazzjoni magħha.

Min-naħa l-oħra, il-konvenuta, li tidher li hija assenti minn Malta, qiegħda tiġi rappreżentata minn kuraturi deputati, li min-naħa tagħhom iddikjaraw li m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk irriservaw li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri meta jkunu jafu iktar fatti. Għalkemm il-Kuraturi Deputati ngħataw seduti għall-provi tagħhom dawn ma ressqu ebda prova u għalhekk il-Qorti tinsab sprovvista mill-verżjoni tal-konvenuta.

### 2. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mressqa:

*Il-Verżjoni tal-Attur u l-Provi Mressqa Minnu:*

L-attur jixhed permezz ta' affidavit intavolat fil-kawża permezz ta' Nota fl-20 ta' Frar 2023[8] fejn jgħid li huwa għandu 70 sena u li huwa armel minn martu E li magħha kellu tliet itfal. Tnax-il sena wara li mietet huwa żżewweġ lill-konvenuta ta' nazzjonalità Marokkina fit-12 ta' April 2000.

Jgħid li ma kinitx faċli wara li mietet martu li jrabbi tliet itfal waħdu li meta mietet ommhom (li kienet ukoll tqila fil-mument li mietet) kellhom 7 snin, 4 snin u ż-żgħira kienet għadha tarbija. It-telfa tal-mara kienet trawma

[7] Verbal tas-27 ta' Frar 2024 a. fol. 40.
[8] Fol. 9.

kbira għall-attur.  Huwa jgħid li kien f'dan l-isfond li ħass li seta' jerġa' jiżżewweġ.

Jgħid li ltaqa' mal-konvenuta għaliex kellu ħafna ħbieb mill-pajjiżi tal-Afrika ta' fuq għaliex xogħolu kien jieħdu ħafna l-Libja.  Hi kienet Marokkina tgħix Malta u taħdem hawn.  Kienet taħdem ġewwa lukanda f'Malta u l-attur beda jmur hemm jieħu drink sabiex ikellimha.  Ħabib komuni, I J kien ikellmu ħafna fuqha u jgħidlu kemm hi bil-għaqal u mara tal-familja.  Jgħid li biex jiltaqa' magħha l-lukanda kien jieħu liż-żewġt itfal żgħar tiegħu li sa dak iż-żmien imbagħad kellhom sittax u tlettax-il sena u huma kienu joqgħodu jilgħabu fir-*reception* tal-lukanda.  Jgħid li ma kinitx faċli madanakollu għalih li jipprepara lit-tfal u jgħidilhom dwar l-intenzjonijiet li kellu speċjalment li ser ikollhom omm oħra u għalhekk ma qalilhomx li kellu fi ħsiebu li jiżżewwiġha.  Hu jgħid li kien jikkomunika sew magħha għaliex kien jaf il-lingwa Għarbija iżda li hi ma tantx setgħet tkellem lil uliedu għaliex kienet għadha qed titgħallem l-Ingliż.  L-attur u uliedu kienu marru joqgħodu fid-dar ta' omm l-attur meta mietet l-omm u d-dar kienet kbira biżżejjed biex tidħol il-konvenuta wkoll tgħix magħhom.  Hija ma kelliex diffikulta li jkollha tfal kbar xi trabbi skont l-attur.

Jgħid li lill-konvenuta kien jafdaha għaliex kien jaraha mara onesta u li għaddiet minn ħafna f'ħajjitha, biss biss telqet mill-Marokk biex taħrab minn swat u inġustizzji kbar.  Huwa ddeċieda li jiżżewwiġha wara biss xahar u ħalla f'idejha u f'idejn I għall-*paperwork* taż-żwieġ.  Jgħid li Marokkina oħra li kien jaf u li l-attur kien għenha ħafna kienet qaltlu li qed jgħaġġel jiżżewweġ wara xahar biss iżda li dak iż-żmien ma fehemx x'qiegħda tgħidlu.

Jgħid li dakinhar tat-12 ta' April 2000 iltaqgħu r-Reġistru Pubbliku fl-10am u l-konvenuta kienet liebsa lbies pulit ta' l-okkażjoni u li wara li qalu '*hello'* bdew iċ-ċerimonja.  Kien hemm ix-xhud tiegħu, li kienet mara li kienet timpjegah, u kien jafdaha ħafna u I li kien ix-xhud tal-konvenuta.  Jgħid li x'ħin spiċċat iċ-ċerimonja, il-konvenuta qamet u telqet quddiem kulħadd mingħajr ma qalet xejn u mingħajr indikazzjoni li kienet ser tisparixxi tant li hu ħaseb li kienet sejra t-toilet.  Jgħid li hu baqa' hemm jistenniha.  Ix-xhieda telqu u hu baqa' waħdu.  Jgħid li l-mobile tagħha

kien mhux f'pożizzjoni li tirrispondi. Ċempel ukoll lil I u dan qallu li ma kienx jaf x'sar minnha. Mar ukoll il-lukanda u sar jaf li ma kinitx għadha taħdem hemm u li ma kinitx taħdem bil-ktieb.

Jgħid li għalhekk bilkemm għamlu ftit minuti miżżewwġin għaliex il-konvenuta sparixxiet mill-ewwel minn ħajjtu. Jgħid li lit-tfal ma kien għadu qalilhom xejn u beda jibża' li jiġi fl-inkwiet għaliex imbagħad daħlet il-Liġi li tirregola żwieġ ta' konvenjenza. Jgħid li lill-konvenuta kien ilu joħroġ magħha xahar biss iżda kien iħoss li kien ilu jafha u jgħid li għalih kien biżżejjed biex jafdaha u jiżżewwiġha. Jgħid li t-tnejn kienu vulnerabbli u riedu ħajja aħjar.

Kien dam snin jistaqsi ħafna dwarha ma' sħabha sabiex jara fejn qiegħda. Xi ħadd qallu li telqet mill-ewwel u li raha l-Ġermanja. Jgħid li dak iż-żmien fl-2004 kienet daħlet il-Liġi tal-protezzjoni tad-data u għalhekk inqas bdew jagħtuh informazzjoni. Meta mbagħad sparixxa wkoll I kien waqaf ifittixha. Jgħid li wara l-pandemija beda jimrad u juża' 4.5 litri ta' ossiġnu kuljum. Jgħid li huwa ċeritifikat mit-tabib Dr David Sammut illi jsofri minn *very severe chronic obstructive pulmonary disease* li għalih irid jieħu inhaler u terapija ta' ossiġnu domiċiljari. Jgħid li juża' servizzi ta':

Hospice nurse
Community Chest Fund
CRPD – għandu d-disability card
Disabled parking permit

Jgħid li diġà tilef snin twal ta' pensjoni tar-romol minħabba dan iż-żwieġ. Kienet diffiċli għalih li japplika għal din il-pensjoni meta mietet l-ewwel mara tiegħu u kien jaħseb li jekk jerġa' jiżżewweġ ma hux ser ikollu jibqa' japplika. Jgħid li issa ma jistax jibqa' jipposponi u ma jridx sempliċiment divorzju għaliex ma jsolvix is-sitwazzjoni tiegħu u ma jridx iħalli problemi għal uliedu.

*Jippreżenta wkoll affidavit ta' F G sive F H ossia oħtu*[9] li tgħid li hija oħtu ż-żgħira u li toqgħod madwar sitt u għaxar minuti mid-dar ta' Ħaż-Żabbar

[9] Permezz ta' nota tal-20 ta' Frar 2023 a. fol. 9.

fejn kien qed jgħix l-attur wara li romol.  Tgħid li hi u oħtha li mbagħad mietet kienu jmorru jnaddfu d-dar li fiha kien qed joqgħod l-attur ma' uliedu.  Tinsisti li fl-ebda żmien ma kien hemm xi mara toqgħod hemm għaliex kieku żgur kienu jindunaw hi u oħtha.  Normalment kienu jmorru t-Tlieta u l-Ħamis inaddfulu u ġieli kienet tittawwal lit-tfal filgħaxijiet meta l-attur kien ikun ix-xogħol.   Tgħid li ċerta li ma kienx hemm mara toqgħod hemm għaliex kieku jew kienet tinzertaha, jew tara l-affarijiet tagħha jew jgħidulha t-tfal jew il-ġirien.

Tgħid li l-attur kien dedikat ħafna u li l-affarijiet ta' kuljum bħal ikel, ħasil u mgħodija kien jagħmilhom l-attur.  Huwa waqqaf ukoll is-safar tax-xogħol ġewwa l-Libja minn jeddu minħabba t-tfal għaliex ried ikun magħhom u jrabbihom hu.  Meta kien ikun xogħol ta' bilfors kienu jitqassmu hi u oħtha magħhom biex ma jmorrux ġo xi istitut.

Tgħid li hi qatt ma staqsiet lil ħuha hux ser isib xi mara oħra wara li romol.  Tgħid li ħsiebu kien biss fit-tfal u li ftit kellu ċans għal affarijiet oħra.  Tgħid li lill-Marokkina qatt ma semmieha magħha u qalilha biss biha wara l-COVID u din kienet ta' xokk għaliha għaliex ma kellhiex idea li kien iżżewweġ u lil min u min kienet.  Tgħid li meta qalilha kien jidher li kien għadu mweġġa' b'dak li ġara.  Meta t-tifla bdiet tikber ħassew li kellha bżonn figura ta' omm u għalhekk bdiet trabbiha omm l-attur.  Kieku kien hemm mara f'ħajjet l-attur tgħid li l-istorja kienet tkun differenti.  Lis-subien kien jeħodhom miegħu x-xogħol u ma kontx tarah mingħajrhom iżda xorta kienu jiltaqgħu ma' oħthom għaliex kienu joqgħodu qrib u kienu jiltaqgħu wkoll il-quddies il-Ħadd.

Tgħid li taf illi ħuha  li qatt ma raqad barra d-dar u mal-10.30pm kien jiġi lura u ma kienx joqgħod mingħajr ma jkollu lit-tfal reqdin taħt l-istess saqaf miegħu.  Tant kien hekk li kien anke jgħidilha eżatt fejn sejjer meta żżommlu t-tfal tant li kienet tkun hi li tinkoraġġih joħroġ ftit u jieħu ftit break mill-ħajja imma hu ma kienx ikun irid.  Tinsisti li żgur ma kienx hemm mara f'ħajjtu wara li mietet il-mara tiegħu.

*<u>Verżjoni tal-Konvenuta Assenti u l-Provi Mressqa Minnha:</u>*

Wara li l-kuraturi deputati ġew debitament notifikati bl-atti tal-kawża odjerna, ippreżentaw risposta iżda ma ressqux provi.

## 3. Principji legali saljenti għall-każ odjern

Qabel ma l-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra l-ewwel issemmi l-prinċipji legali relevanti għal dan il-każ.

F'dan il-każ ma ġew prodotti l-ebda provi mill-konvenuta li kienet rappreżentata mill-Kuraturi Deputati għaliex jidher li ma rrnexxilhomx jintraċċawha. Madanakollu l-Qorti tagħraf illi għalkemm ma sarux eċċezzjonijiet fuq il-mertu, dan ma jfissirx illi din il-Qorti m'għandhiex teżamina l-mertu tat-talbiet tal-attur sabiex tistabilixxi jekk jissussistux il-kawżali t'annullament mogħtija mil-attur, u dan peress illi fir-rigward taż-żwieġ teżisti preżunzjoni ta' validità. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat A B *noe* vs ED**[10]:

*"Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-solennita` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid-dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'lex specialis taht il-Kap. 255, li tipprovdi dwar ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett. Inoltre, tezisti a favur iz-zwieg prezunzjoni ta' validita` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigi dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita`…*

*In-nullita` taz-zwieg hija ghalhekk eccezzjoni ghar-regola ta' validita` u konsegwentement, kull talba biex zwieg jigi dikjarat li qatt ma kien, ghandha titqies b'cirkospezzjoni filwaqt li tinghata wkoll interpretazzjoni ristrettiva…"*

---

[10] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Jannar 2018.

Dan għaliex, kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju 1987: *"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett… Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament."*

Inoltre, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** deċiża fis-27 ta' Jannar 2006: *"Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."*

Għalhekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex teżamina, fil-mertu tagħhom, il-kawżali ta' nullità mressqa mill-attur. L-attur qed jitlob li ż-żwieġ jiġi dikjarat null fit-termini tal-Artikolu 19(1)(f) u 19A tal-Kap. 255 li jaqraw kif ġej:

*"19.(1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;"*

u

*"19A (1) Żwieġ validu jista' jiġi annullat fuq talba ta' parti miżżewġa waħda minħabba li l-parti l-oħra tkun irrifjutat tikkonsma l-istess żwieġ.*

*(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 19(2) għandhom japplikaw f'każ għall-annullament ta' żwieġ imsemmi fis-subartikolu (1) kif japplikaw għal azzjoni għall-annullament ta' żwieġ kif imsemmi f'dak l-artikolu.*

*(3) Azzjoni għall-annullament ta' żwieġ taħt dan l-artikolu matistax tiġi istitwita qabel ma jiskadu tliet xhur mid-data taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ."*

Fil-kawża fl-ismijiet **Al Chahid vs Mary Spiteri**[11] intqal: *"wiehed jinnota li taht l-artikolu19(1)(f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gia mentalment dispost li ma jottemperax ruhhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg"*.

Fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et noe***[12] intqal: *"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed jrid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg…….. hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga".*

Fil-kawza fl-ismijiet **Magri vs Magri**[13] intqal: *"Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg hu wkoll nieqes. Din il-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-reponsabilita' tal-familja"*. Intqal ukoll li: *"Meta l-uniku skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi iz-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment f'dawn il-kazijiet wiehed ma ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifesta wkoll implicitament"*. (Cine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida (PA 10.10.1995) u Miriam Ramdan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk (PA 16.01.1998).

## 4. Applikazzjoni tal-Prinċipji legali għall-każ odjern

[11] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ġunju 2002.

[12] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2002.

[13] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Lulju 1994.

Mir-rikors ġuramentat kif ukoll mill-provi mressqa mill-attur jirriżulta illi t-talbiet tiegħu għan-nullita` huma essenzjalment imsejsin fuq il-premessa li l-konvenuta qieset iż-żwieġ bħala wieħed ta' konvenjenza u li l-attur ġie użat għal skopijiet ulterjuri li kellha f'moħħha l-konvenuta u għalhekk sejjes it-talba tiegħu fuq l-Artikoli 19 (1) (f) u 19 A tal-Kap 255. Il-Qorti għalhekk ser tgħaddi biex teżamina l-provi li nġabu quddiemha u tevalwa jekk tali provi huma konvinċenti u tali li ma jħallu l-ebda dubju f'moħħ il-ġudikant illi l-annullament in kwistjoni ma hux qed jintagħlab kappriċjożament.

Kif jgħallem il-ġurista Francesco Bersini *"Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e` una pura formalita' vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonio un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc…"*

Kif diġà ċitat il-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fuq dan is-suġġett hija fis-sens illi żwieġ ta' konvenjenza jimporta s-simulazzjoni tal-kunsens peress illi l-partijiet, jew xi ħadd minnhom, ikunu eskludew posittivament iż-żwieġ innifsu, u għalhekk huwa żwieġ null f'għajnejn il-liġi. Partikolari fir-rigward ta' każijiet fejn il-kunsens ta' xi ħadd mill-partijiet ikun ikkontratta ż-żwieġ sabiex ikun jista' jirrisjedi jew jaħdem Malta, intqal **f'Magri vs Magri** (hawn fuq ġia ċitata) u f'każijiet simili oħra illi meta ċ-ċirkostanzi tal-każ juru li t-tnejn jew waħda mill-partijiet tkun ikkuntrattat iż-żwieġ mhux għaż-żwieġ innifsu iżda biex jew tibqa' Malta jew biex tikseb iċ-ċittadinanza etc., dik il-parti tkun qed teskludi ż-żwieġ inniffsu b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Kif ikomplu dawn il-każijiet, naturalment wieħed ma jistax jippretendi li dik il-parti li hekk tkun simulat il-kunsens ser tkun ħalliet prova espliċita ta' dan għaliex ħafna drabi dan ma jkunx il-każ, speċjalment jekk it-tali intenzjoni tkun qed issir b'ingann lejn il-parti l-oħra u mhux bi ftehim magħha u għalhekk il-Qorti trid tara jekk it-tali intenzjoni ġietx manifestata impliċitament.

Il-Qorti rat illi mill-provi prodotti jidher illi ż-żwieġ kien wieħed qasir, proprju ta' ftit minuti iżda l-Qorti ma hiex komda tikkonkludi mix-xhieda biss tal-attur u mingħajr provi oħra, illi dan kien żwieġ ta' konvenjenza jew x'kellha f'moħħha l-konvenuta u x'riedet takkwista minn dan iż-żwieġ. Għalkemm jista' kien il-każ li dan kien żwieġ ta' konvenjenza il-Qorti tħoss li m'għandiex biżżejjed fatti biex tikkonkludi hekk b'konvinċiment.

Kif jixhed l-attur huwa żżewweġ lill-konvenuta wara xahar biss li sar jafha għaliex afdaha u afda lill-ħabib tagħha meta dan qallu li kienet mara sewwa u mara tal-familja kif proprju kellu bżonn l-attur. Huwa kien jiltaqa' magħha ġewwa l-lukanda fejn hi kienet taħdem u għalhekk lanqas jidher li l-partijiet kellhom wisq ċans isiru jafu lil xulxin. Ħabiba tal-attur tal-istess nazzjonalità tal-konvenuta fil-fatt kienet wissietu ma jgħaġġilx probbabilment għaliex għarfet x'kellha f'moħħha l-konvenuta, iżda hu jgħid li dak iż-żmien ma fehemx x'kienet qed tgħid. Huwa jgħid li ħaseb anzi li kien qed isalvaha minn ħajja kerha u li miegħu kienet ser tibda bidu ġdid. Huwa jgħid li kien ippjana li hija tmur toqgħod magħhom fid-dar ta' Ħaż-Żabbar li kienet kbira biżżejjed għaliha u għal uliedu.

Minn naħa l-oħra joħroġ ċar daqs il-kristall illi l-konvenuta kellha motivi oħra għal dan iż-żwieġ. Jidher illi hija kienet komda tiżżewweġ biss wara xahar u tidħol għall-*committment* ta' tliet itfal mingħajr lanqas biss ma kienet tant taf titkellem il-lingwa tagħhom għaliex l-intenzjonijiet tagħha ma kienux illi tgħix dak iż-żwieġ. Filfatt, dakinhar li ġie kkuntrattat iż-żwieġ il-partijiet lanqas biss laħqu ħarġu flimkien mir-Reġistru Pubbliku għaliex il-konvenuta telqet bla kliem u bla sliem mingħajr ma qalet xejn lil ħadd u litteralment sparixxiet minn ħajjet l-attur. Tant hu hekk li tixhed oħt l-attur illi fl-ebda mument ma jidher li rifset mara fuq l-għatba tad-dar fejn kien joqgħod l-attur ma' wliedu u fil-fatt hi qatt ma kellha idea li l-attur kien qed joħroġ mal-konvenuta. Dan ikompli jsaħħaħ il-fatt illi verament kien il-każ li dan iż-żwieġ dam biss ftit minuti u kienu x'kienu r-raġunijiet għalfejn il-konvenuta riedet tikkuntratta dan iż-żwieġ, jidher biċ-ċar li minn naħa tagħha kien hemm simulazzjoni ta' kunsens fil-mument taż-żwieġ tant li mumenti wara hija ħarbet mit-tali żwieġ. Il-Qorti tħoss li dan kien każ fejn avolja l-konvenuta kienet kapaċi tagħti l-kunsens validu

għaż-żwieġ, però bl-atti tagħha qabel u wara ż-żwieġ u bl-ommissjonijiet tagħha eskludiet a priori ż-żwieġ innifsu.

Di piu`, kjarament iż-żwieġ lanqas biss kien ikkunsmat għaliex lanqas biss kien hemm il-ħin li jsir dan peress li l-konvenuta ħarbet mir-Reġistru stess u minn dak il-mument l-attur jgħid li qatt ma reġa' raha. Kif tixhed ukoll oħt l-attur, kieku daħlet xi mara fid-dar tal-attur huma kienu jkunu jafu b'xi mod.

Għaldaqstant wara li rat il-provi prodotti mill-attur din il-Qorti tinsab moralment konvinta illi ż-żwieġ tal-partijiet huwa null *ai termini* tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255. Dan peress illi mill-provi jidher ċar illi dan iż-żwieġ kien għall-konvenuta wieħed fejn issimulat il-kunsens tagħha tant li żżewwġet u telqet f'dak il-mument stess u għalhekk ġie pruvat dak li l-Qorti tgħid fil-kawża diġà ċitata li *"bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg."* Kienu x'kienu r-raġunijiet għalfejn il-konvenuta daħlet għal dan iż-żwieġ, jirriżulta li b'dak li kellha f'moħħha kienet qed teskludi ż-żwieġ inniffsu. Jirriżulta wkoll li dan iż-żwieġ ma setax ġie kkunsmat u peress li l-kawża ġiet intavolata fiż-żmien maħsub mill-liġi f'Artikoli 19A (3) l-attur irnexxielu jissodisfu Artikolu 19A ukoll.

Iż-żwieġ tal-partijiet għalhekk għandu jiġi dikjarat null u bla effett fil-liġi billi l-kunsens taż-żewġ partijiet kien vizzjat fit-termini tal-Artikolu 19(1)(f) u Artikolu 19 A tal-Kap 255.

## DEĊIDE

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara li ż-żwieġ ċelebrat mill-kontendenti fit-12 ta' April 2000 hu null u bla effett fil-liġi ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) u l-Artikolu 19A tal-Kap 255;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li din is-sentenza tiġi komunikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex tkun reġistrata fuq l-att taż-żwieġ relattiv;

Bl-Ispejjeż kollha kontra l-konvenuta.